# 8. Ġol-Ort taż-Żebbuġ

Ja Siġar taż-Żebbuġ
ġwejdin u kwieti
fir-ramla ta’ San Pawl,
kemm inħobb naħrab
l-istorbju tal-ibliet u niġi fostkom,
naħseb,
nimmedita
fis-sliem!
Ja Siġar taż-Żebbuġ
li tagħtu
iż-żejt għal fuq il-ħobż
iż-żejt għal ġol-musbieħ,
kemm intom sbieħ,
kemm intom ħbieb!

Fostkom
jistrieħ,
jaħseb,
jimmedita
kien jiġi l-Iben t’Alla …
Bħalissa
qiegħed nistħajlu dieħel
għall-aħħar darba
ħdejkom …
Qalbi bħal tiegħu
mimlija niket kbir,
u biża’ kbir
fis-siegħa qalila
ta’ gżiritna;
ma’ wiċċi
ixoqq il-għaraq …

Mulejja,
jekk ħaġa tista’ tkun,
biegħed il-kalċi tal-imrar
minn Malta ommna;
agħmel
li l-Maltin kollha
ikunu ħaġa waħda;

biegħed minna l-Ġudiet
li għal tletin
biċċa tal-fidda
iferrgħu bruda
u qtigħ ta' qalb
fl-ispirtu tagħna;
eħlisna mill-bewsa tat-tradiment!

Mulejja,
isma' t-talb tiegħi,
nebbaħ lill-Maltin kollha
biex jiġu jaqtgħu
fergħa żebbuġ ħadrana,
li tfisser
sliem u dawl u ħajja,
u lkoll ferħana
isellmu lill-Ħelsien:
Osanna!
Osanna!
Osanna!

Mulejja,
jekk ħaġa tista' tkun,
biegħed il-kalċi tal-imrar
minn Malta tagħna!
Jekk trid li wieħed
imut għall-poplu,
Mulej,
jien lest!